MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2012

Numru 641/2005

Il-Pulizija
(Spettur Victor Aquilina)

vs

Emanuel Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 293260 (M), akkuzat talli :

(1) fit- 22 ta' Mejju 2005, u fil-granet precedenti f'Birkirkara volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fil-propjeta ta Catherine Saydon detentrici tal-karta ta' l-identita' 380062 (M), liema hsara ma tiskorrix il- hames

mitt lira (LM 500) imma tiskorri l-hamsin lira (LM 50). (Art. 325. (1) (b) tal- Kap 9)

(2) nhar il- 15 ta’ Mejju 2005 minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil Catherine Saydon denetrici tal-karta ta’ l-identita’ 380062(M) fil-pussess ta’ hwejjigha u dana meta ha il-vettura ta’ l-ghamla Subaru bin-numru tar-registrazzjoni FAA-156 (Art. 85 tal-Kap 9)

(3) fil- 15 ta’ Mejju 2005 u fil-granet sussegwenti saq il-vettura ta’ l-ghamla Subaru bin-numru tar-registrazzjoni FAA – 156 minghajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta. (Art. 3 tal-Kap. 104)

(4) fil- 15 ta’ Mejju 2005 u fil-granet sussegwenti saq il-vettura ta’ l-ghamla Subaru bin-numru tar-registrazzjoni FAA – 156 minghajr licenzja tas-sewqan. (Art. 15 (1) (a) tal-Kap 65)

(5) fil- 15 ta’ Mejju 2005 u fil-granet sussegwenti ghamel vjolazzjoni fil-propjeta’ ta’ Catherine Saydon denetrici tal-karta ta’ l-identita’ 380062(M). (Art.340 (d) tal-Kap 9)

(6) fil-22 ta’ Mejju 2005 u fil-granet precedenti hebb kontra l-persuna ta’ Catherine Saydon denetrici tal-karta ta’ l-identita’ 380062(M).(Art. 339 (1)(d) tal-Kap 9)

(7) fil-22 ta’ Mejju 2005 u fil-granet precedenti ngurja jew hedded lil Catherine Saydon denetrici tal-karta ta’ l-identita’ 380062(M).(Art. 339 (1)(e) tal-Kap 9)

(8) huwa recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija lilu fi zminijiet differenti mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definttivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux apposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi wara t-tahrika ossija avviz, registrat fil- 25 ta’ Lulju 2005, gew appuntati numru sostanzjali ta’ udejenzi li fihom ma sar xejn sakemm fl-udjenza tal-lum l-ufficjal prosekutur iddikjara li x-xhieda kollha f’din il-kawza jew siefru jew huma intraccjabli b’daqstant li ma kienx hemm xhieda li l-prosekuzzjoni kienet jew setghet tippoduci.

Fil-dawl ta’ dan u l-fatt li l-imputat iddikjara li mhux ser jixhed, l-Qorti tiddecidi:

Li fin-nuqqas assolut ta’ provi tillibera lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------